# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta’ Frar 2016 – Šumelj *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawżi magħquda T-546/13, T-108/14 u T-109/14)** ([1])

***(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Adeżjoni tal-Kroazja fl-Unjoni — Tħassir qabel l-adeżjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi għall-ħolqien tal-professjoni ta’ uffiċjal pubbliku ta’ eżekuzzjoni — Dannu subit mill-persuni li ġew preċedentement maħtura uffiċjali pubbliċi ta’ eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ adozzjoni mill-Kummissjoni ta’ miżuri maħsuba sabiex jiġu osservati l-obbligi tal-adeżjoni — Ksur suffiċjentement serju ta’ dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi — Artikolu 36 tal-att ta’ adeżjoni”)***

(2016/C 118/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Kroat*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Ante Šumelj (Zagreb, il-Kroazja), Dubravka Bašljan (Zagreb), Đurđica Crnčević (Sv. Ivan Zeline, il-Kroazja), Miroslav Lovreković (Križevaci, il-Kroazja) (Kawża T-546/13); Drago Burazer (Zagreb), Nikolina Nežić (Zagreb), Blaženka Bošnjak (Sv. Ivan Zeline), Bosiljka Grbašić (Križevaci, il-Kroazja), Tea Tončić (Pula, il-Kroazja), Milica Bjelić (Dubrovnik, il-Kroazja), Marijana Kruhoberec (Varaždin, il-Kroazja), (Kawża T-108/14); Davor Škugor (Sisak, il-Kroazja), Ivan Gerometa (Vrsar, il-Kroazja), Kristina Samardžić (Split, il-Kroazja), Sandra Cindrić (Karlovac, il-Kroazja), Sunčica Gložinić (Varaždin), Tomislav Polić (Kaštel Novi, il-Kroazja), u Vlatka Pižeta (Varaždin) (Kawża T-109/14) (rappreżentant: M. Krmek, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Ćutuk u G. Wils kif ukoll, fil-Kawżi T-546/13 u T-108/14, S. Ječmenica, aġenti)

## Suġġett

Rikors għad danni maħsub sabiex jiġi riżarċit id-dannu allegatament subit mir-rikorrenti minħabba l-aġir illegali tal-Kummissjoni waqt is-segwitu tagħha tal-osservanza tal-impenji tal-adeżjoni mir-Repubblika tal-Kroazja.

## Dispożittiv

1) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*

2) *Ante Šumelj u r-rikorrenti l-oħra li isimhom huwa inkluż fl-anness huma kkundannati għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 367, 14.12.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta’ Frar 2016 – Mederer vs UASI – Cadbury Netherlands International Holdings (Gummi Bear-Rings)**

**(Kawża T-210/14)** ([1])

***[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Komunità Ewropea — Trade mark figurattiva Gummi Bear-Rings — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti GUMMY — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]***

(2016/C 118/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Mederer GmbH (Fürth, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Sachs u O. Ruhl, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: V. Melgar u H. Kunz, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Cadbury Netherlands International Holdings BV (Breda, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: A. Padial Martínez, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Diċembru 2013 (Każ R 225/2013-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Cadbury Netherlands International Holdings BV u Mederer GmbH.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Mederer GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 245, 28.7.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Frar 2016 – Bodson *et* vs BEI**

**(Kawża T-240/14 P)** (1)

***("Appell — Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Natura kuntrattwali tar-relazzjoni ta' xogħol — Riforma tas-sistema ta' remunerazzjonijiet u tal-progress tas-salarji tal-BEI — Obbligu ta' motivazzjoni — Żnaturament — Żbalji ta' liġi")***

(2016/C 118/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Jean-Pierre Bodson (Lussemburgu, il-Lussemburgu), Dalila Bundy (Cosnes-et-Romain, Franza), Didier Dulieu (Roussy-le-Village, Franza), Marie-Christel Heger (Nospelt, il-Lussemburgu), Evangelos Kourgias (Senningerberg, il-Lussemburgu), Manuel Sutil (Lussemburgu), Patrick Vanhoudt (Gonderange, il-Lussemburgu) u Henry von Blumenthal (Bergem, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: C. Gómez de la Cruz, T. Gilliams u G. Nuvoli, aġenti, assistiti minn P.-E. Partsch, avukat)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) tat-12 ta' Frar 2014, Bodson *et* vs BEI (F-73/12, ĠabraSP, EU:F:2014:16), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*